IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru71 (wieħed u sebgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

**71.1. Item Nru 71.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

71.1.1Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u kulħadd kien preżenti

**71.2 Item Nru 71.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti**

71.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**71.3 Item Nru 71.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li applikajna għall-*compliance certificate* u illum irċevejna komunikat mil-Planning Authority li irċevew l-applikazzjoni tagħna.

Il-Perit Leonard Spiteri qiegħed jaħdem fuq rapport biex insolvu problema li qiegħed jidħol l-ilma fil-*hall* u b'hekk ma nistgħux inkomplu.

Is-Sindku qal li irċevejna BOQs ukoll ta' quddiem il-*hall* biex isir bil-konkos u isir ilqugħ bil-fencing. Liema xogħol ikun jista jiġi inkluż max-xogħol tal-ground slab.

71.3.2 Rampa Sports Complex – Dwar ir-rampa u l-ground slab għadda ż-żmien tal-appell u ma kienx hemm appelli uffiċjali. B'hekk il-Kunsill ser jagħmel il-Kuntratt mal-Kuntrattur sabiex ikun jista jibda x-xogħol.

71.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li dwar il-permess mil-*Planning Authority* kellna oġġezzjonijiet mil-Heritage Malta kif ukoll mil-KNPD fejn il-Perit Robert Ellul Sciberras qiegħed jieħu ħsiebhom.

71.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li wara li ffinalizzajna l-BOQ it-tender ser toħroġ fil-ġranet li ġejjin.

71.3.5 SSTP – Is-Sur Valvo qal li ser issir laqgħa mal-SSTP nhar it-18 ta' Marzu fis-1pm.

71.3.6 Skart – Is-Sindku qal li ż-żmien tal-appel issa għadda u ma kienx hemm appelli uffiċjali għalhekk issa ser ngħaddu għall-pass li jmiss li huwa l-iffirmar tal-kuntratt.

71.3.7 Skart riċiklabbli – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill ser joħroġ is-sejħa għall-offerti liż-żewġ skemi ewlenin Green MT u Green Pak fejn naraw kif ser tkun il-proposta tagħhom.

Fil-preżent għandna problema mal-Bring in site li jinsab fi Triq Ras il-Ġebel fejn qiegħdin jarmu kull tip ta' skart madwaru. Fuq din il-bażi l-Kunsill qabel li jitneħħew minnufih minn Triq Ras il-Ġebel u isiru fejn il-Kunsill fi Triq Dwardu Ellul. Il-Bins isiru mil-ġodda lbins.

Fuq nota tajba is-Sindku informa lill-Kunsilliera li minn statistika li għandhom l-ERA u Wasteserv il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra għamel passi kbar il-quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma skart riċiklabbli kif ukoll organiku.

71.3.8 Bus Shelters – Is-Sur Valvo qal li dwar din it-talba s'issa għadna ma smajna xejn aktar.

71.3.9 Mizura 4.4 Hitan tas-Sejjiegħ – Is-Sindku qal li t-tender ser jinħareġ fil-granet li ġejjin.

71.3.10 Land Reclamation – Il-Kunsill ipprepara stqarrija biex tiġi ppublikata fuq dan is-suġġett.

71.3.11 Toroq – Is-Sindku qal li Infrastructure Malta qed jaħdmu biex it-toroq li għandna imsemmija li ħa jsiru ikunu minn l-ewwel lot.

71.3.12 Tender Knis – Is-Sindku qal li l-bord ser jerġa jiltaqgħu fuq dan it-tender minħabba li huwa tender intensiv ħafna biex tevalwah.

**71.4. Item Nru. 71.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

71.4.1 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq Triq il-Fabbriki meta ser issir. Is-Segretarju ppreżenta l-istima mingħand il-kuntrattur fejn il-Kunsill qabel li ssir.

IX-XGĦAJRA

71.4.2 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq il-belishia light meta ser tixgħel. Is-Segretarju qallha li l-applikazzjoni iddaħlet l-Enemalta u kemm jiġu iqabbduhom.

71.4.3 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet dwar it-tabella tal-karozzi tal-linja biex jitfu l-magni meta jkunu qed jistennew fil-Bus Stop Xgħajra. Is-Segretarju qal li din ġiet ordnata mgħand il-Koptasin u ser tintbgħat *reminder*.

71.4.4 Is-Sinjura Buttiġieg staqsiet fuq meta ser jeħel il-bin tal-klieb fi Triq l-Ispnott. Is-Segretarju qal li qiegħda fil-programm li ssir.

71.4.5 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet meta ser jinqata' l-ħaxix ta' Triq Karmelo Ritchie. Is-Segretarju qal li ser jinqata' fil-ġranet li ġejjin.

71.4.6 Is-Sinjura Borg staqsiet dwar il-laqgħa mal-Iskola u s-Sindku qal li hu reġa' kellem lis-Surmast dan qallu li meta jkollna xi avvenimenti oħra lesti li jitkellmu magħna u jekk ikun hemm bżonn nidħlu fil-klassijiet.

71.4.7 Is-Sur Attard staqsa dwar il-ħaxix ħażin li hemm fi Triq l-Ispnott u staqsa jekk jistax isir mil-aktar fis għaliex kiber ħafna. Is-Segretarju qallu li ser isir fil-granet li ġejjin.

71.4.8 Is-Sur Attard qal li għandna proposta mis-Southville Dancers li itellgħu serata ta' żfin fil-Belveder nhar it-28 ta' Ġunju u staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li ssir din l-attivita` li għaliha l-Kunsill ikun kollaborant. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita`.

71.4.9 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk nistgħux niċċirkulaw email kull meta jonqos xi ħadd mix-Xgħajra sabiex il-Kunsilliera ikunu infurmati.

**71.5. Item Nru 71.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

71.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**71.6. Item Nru. 71.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

71.6.1 Is-Sindku qal li l-ħsara li għamel il-maltemp kienet kbira u ser isir xogħol fuq bankini max-xatt, railing, kif ukoll hemm taraġ li jagħti għall-blat li spiċċa in arja u għalhekk ser isir xogħol bil-ħaddiema assenjati biex jintela' u jiġi evitat il-periklu.

**71.7. Item Nru. 71.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

71.7.1 Pagamenti b'numru 78 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

IX-XGĦAJRA

**71.8. Item Nru. 71.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

71.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**71.9 Item Nru. 71.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

71.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.36pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 15 t' April, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |